**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 06/09(23_07_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku u s-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-16 ta' Lulju 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Tqassim ta' Responsabbiltajiet lill-Kunsilliera.
6. Attivita' Kulturali fil-Munxar.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-*Playing Field*.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Director Corporate Services, MEPA l-iStatement of Funds fir-rigward tal-fondi amministrati mill-MEPA.

2.02 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02211/09 – *To construct 2-semibasement garages under the existing villas, and construction of front garden* fi Triq ir-Rumani, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 02277/09 – *To cover existing concrete walkway leading to Xlendi Tower with hard stone paving* f' il-Kantra, Bajja tax-Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 38/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kodiċi dwar l-Aħjar Prattiċi għall-Gvern Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-Green Challenge Award u l-Local Enterprise Support Scheme.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali l-Minuti tal-Laqgħa għas-Sindki, Reġjun ta' Għawdex li saret fis-6 ta' Lulju 2009, fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fis-26 ta' Ġunju 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ko-Ordinattriċi ta' l-avveniment iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2009 rigward dan l-avveniment imtella' mill-Fondazzjoni OASI.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kap tad-Dipartiment tal-Public Policy, Universita' ta' Malta rigward il-fuljett il-ġdid li għadhom kemm ippubblikaw dan l-aħħar bl-iskop li jinfirex iżjed l-għarfien tal-potenzjal li jgawdu minnu l-istudenti u l-gradwati tagħhom.

2.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern rigward it-twaqqif taċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Communications Officer, Wasteserv Malta Ltd. rigward il-komunikazzjoni bejn din il-Kumpanija u l-Kunsilli Lokali.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 42/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010'.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Chairperson, Employment and Training Corporation rigward l-Employability Programme.

2.13 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02670/09 – *To Amend PA 2038/07* fi Triq l-Għar ta' Karolina, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta EU Steering & Action Committee (M.E.U.S.A.C.) EU Funding Unit Team rigward il-EU Programmes - Upcoming deadlines.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Kevin Sciberras, Ko-ordinatur Kulturali għal Għawdex rigward 'The Online Gozo Cultural Directory'.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Contract Manager, Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. il-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt tad-Dwal tat-Toroq li saret fit-23 ta' Lulju 2009, fil-Kunsill Lokali Żebbuġ, Għawdex.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur IOI-Malta Operational Centre, Universita' ta' Malta rigward 'The IOI-Kids Teachers Marine Talent Competition'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Kuntratt dwar il-Ġbir ta' Skart Organiku.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Onor. Dr. Chris Said dwar Kampanja ta' Tindif li ser tiġi mnedija fil-5 t' Awwissu 2009 għall-Kunsilli Lokali. Din il-Kampanja ser tkun qed tinvolvi kompetizzjoni għall-aktar lokalita' nadifa f' Malta u Għawdex fix-xahrejn t' Awwissu u Settembru bi premju sostanzjali ta' flus. Il-Kunsill qed ikun imħeġġeġ sabiex juża din il-kompetizzjoni bħala inizjattiva biex naraw li l-lokalita' tagħna verament tiġi miżmuma nadifa u biex ir-residenti wkoll ikunu konxji minn din il-Kampanja.
Ġie deċiż li l-Kunsill Lokali Munxar jipparteċipa.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ko-Ordinatur tal-Logħob tal-Baħar tax-Xlendi fejn qed jitlob lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż in konnessjoni mal-logħob fil-baħar li jsir ta' kull sena bħala parti mill-Festa tal-Madonna tal-Karmnu li ser taħbat nhar il-Ħadd, 6 ta' Settembru 2009. Huwa stmat li l-ispiża tkun ta' €600, li tikkonsisti f' xiri ta' trofej u medalji, sistema ta' PA u *staff* tar-Red Cross. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Brian Bartolo rigward kiri ta' *Water Park Equipment* għal ġurnata għall-Bajja tax-Xlendi. Huwa qed jitlob is-somma ta' €700 u din l-ispiża tinqasam bejn il-Kunsill Lokali Munxar u l-Kunsill Lokali Fontana. Il-parteċipanti ma humiex ser jintalbu ħlas u l-logħob ser ikun mill-10 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija. Ġie deċiż flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Fontana li l-ġurnata tkun it-22 t' Awwissu 2009.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed titlob kummenti/suġġerimenti fuq id-dokument tar-riforma tal-MEPA li għadu kemm ġie mniedi mill-Prim Ministru. Dan qed ikun mitlub sabiex l-Assoċjazzjoni tkun f' pożizzjoni li bil-kummenti li ser tagħmel, ikun hemm il-veduti tal-Kunsilli.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna barranija li ser tixtri dgħajsa u qed issaqsi jekk din għandhiex il-post riservat fuq l-iskall. Din il-mistoqsija ser tiġi rreferuta lill-Fisheries Department.

3.06 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident fi Triq il-Qsajjem, Xlendi. Huwa qed jitlob sabiex issir *Stop Sign* fil-bidu ta' Triq il-Puniċi, jsir *shade* mal-lampa W089 u jitneħħew *cables* li huma għaddejjin minn quddiem it-tieqa tal-proprjeta' tiegħu. Kienu ser jittieħdu l-passi meħtieġa fuq dawn it-talbiet.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Lawrence Farrugia, Assistent Direttur Devoluzzjoni rigward id-delegazzjoni ta' Amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika. Huwa qed jirreferi għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna li tagħti korsijiet għall-*beginners* u *intermediate* dwar *Costume Jewellery Making* u oħrajn.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li toqgħod fi Triq it-Torri, Xlendi. Hija qed tilmenta dwar storbju minn *crane* li kien armat mis-7 ta' filgħodu. Hija informat lill-Kunsill li rċeviet *complaints* kbar mir-residenti li kellha fil-Kumpless Turistiku li topera. Hija talbet dikjarazzjoni bil-miktub li l-Operatur tal-*crane* kellu l-permessi meħtieġa mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Operatur tal-*crane* kellu l-permess maħruġ mill-Kunsill u anke saret id-dikjarazzjoni mitluba mill-persuna li bagħtet l-*e-mail*.

3.10 Il-Kunsill irċieva talba sabiex għall-attivita' li ser issir mill-*Bikers* b' risq l-Arka Foundation il-Kunsill jagħti donazzjoni ta' €100. Kien hemm qbil dwar dan.

3.11 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-għotja annwali li tingħata lill-MUSEUM ta' Sannat peress li qed joffru trasport lit-tfal u adolexxenti mill-Munxar. Kien hemm qbil li jingħataw is-somma bħas-sena l-oħra, jiġifieri €350.

3.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarjat tal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni li t-talba tal-Kunsill li s-servizz ta' *Bus* sabiex jiġi estiż għan-naħa ta' fuq tax-Xlendi ġie inkluż fir-rotot il-ġodda.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 06/09(23_07_09).

**5.00 Tqassim ta' Responsabbiltajiet lill-Kunsilliera.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-responsabbiltajiet ma humiex ser jitqassmu llum peress li kien kellem lid-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali u qallu li aħjar jistenna sakemm jgħaddu l-emendi tal-Liġi għall-Kunsilli Lokali peress li ser ikun hemm linji gwida ta' kif għandhom jingħataw ir-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera.

5.02 Is-Sinjura Carmen Said irrimarkat li dawn ma jistgħux jingħataw illum peress li hawn żewġt membri skużati.

**6.00 Attivita' Kulturali fil-Munxar.**

6.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-Attivita' Kulturali li kellha ssir fil-Munxar fl-1, it-2 u t-3 ta' Mejju 2009 u kienet ġiet ikkanċellata. Ġie deċiż li l-aħjar dati li din l-attivita' ssir hija s-16, is-17 u t-18 t' Ottubru 2009.

6.02 Is-Sur Mario Camilleri ssuġġerixxa li f' din l-attivita' l-Kunsill għandu jinkludi lill-Grupp Winter Moods. Huwa ser ikellem lil-*Leader* tal-grupp sabiex jara jekk huwiex *available* f' waħda minn dawn id-dati.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-*Playing Field*.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għadu qed jistenna li l-Kuntrattur jibda jpoġġi l-madum fil-*Playing Field*. Sadanittant it-*tender* għall-Provista u Twaħħil ta' Apparat għall-*Playing Field* kienet ser tagħlaq fit-28 ta' Lulju 2009.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu qed isiru diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' toroq u tabelli.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li f' dawn l-aħħar ġranet kien attenda għal diversi laqgħat fosthom laqgħa tal-Kumitat Konġunt għad-Dwal tat-Toroq, laqgħa tal-Kumitat Konġunt *Wardens* u laqgħa tas-Sindki t' Għawdex fejn ġie deċiż li l-Kunsilli ta' Munxar, Sannat, Xewkija, Xagħra u Żebbuġ (Għawdex) jingħaqqdu sabiex joħorġu Sejħa għall-Offerti għal Ġbir ta' Skart flimkien.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed jirċievi diversi ilmenti mingħand Operaturi ta' Stabbilimenti Turistiċi u persuni privati rigward permessi għall-*cranes* li l-Kunsill qed jagħti għal xogħlijiet li qed isiru fix-Xlendi. Il-Kunsill jifhem il-pożizzjoni ta' dawn il-persuni pero' jekk ma jinbidlux ir-regolamenti, l-Kunsill ma jistax ma jagħtix il-permessi sabiex jintużaw *cranes* fit-toroq.

10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kuntratt ta' Kiri ta' Makkinarju u l-Kuntratt ta' Kostruzzjoni ta' Diversi Bankini kienu ser jgħalqu u l-Kuntratturi talbu sabiex jiġġeddu għal sena oħra bl-istess prezzijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li preżentament ħafna minn-numri tal-lampi tħassru u qed tkun diffiċli ħafna sabiex il-lampi maħruqa jiġu rrapportati. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-bdil tan-numri tal-lampi ser ikun inkluż fit-*Tender* il-ġdida li ser toħroġ u b' hekk l-ispiża ser tkun orħos.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sinjura Carmen Said issuġġerit li s-sinjal li kien inżebah ma' l-art fi Triq Ras il-Bajjada jerġa' jinżebah peress li preżentament m'għadux jidher. Is-Sindku kien diġa' kellem lil tar-Roads Division dwar dan.

Is-Sinjura Said irrimarkat li taf b' xi persuni li għadhom ma rċevewx il-*vouchers* għall-bozoz *energy saving*. Għal din l-iskema ġiet imnedija linja *Freephone* u jkunu jistgħu jgħidulhom bil-problema.

11.02 Is-Sur Mario Camilleri ssuġġerixxa li peress li l-Wasteserv Malta Ltd. fetaħ Ċentru għall-Iskart Goff li jinsab f' Tal-Kus, limiti tax-Xewkija s-servizz ta' *open skip* ta' kull nhar ta' Sibt ma hemmx bżonnu aktar. Ġie deċiż li dan is-servizz jibqa' jingħata sa l-aħħar Sibt t' Awwissu 2009. Ir-residenti ser ikunu informati dwar dan.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 19 t' Awwissu 2009, fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |